



Brussell, 18 ta' Marzu 2019
(OR. en)

6338/19

COHOM 21
CFSP/PESC 120
CONUN 14
DEVGEN 26
FREMP 20

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Nru. dok. preċ.:	6149/19 COHOM 17 COPS 29 CFSP/PESC 94 FREMP 18 CONUN 6 DEVGEN 21
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni fl-Azzjoni Esterna

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni fl-Azzjoni Esterna adottati mill-Kunsill fit-3681 laqgħa tiegħu fit-18 ta' Marzu 2019.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem
għan-Nondiskriminazzjoni fl-Azzjoni Esterna**

1. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għall-finijiet u l-prinċipji tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem li tapplika għall-bnedmin kollha mingħajr distinzjoni ta' kwalunkwe tip.
2. Il-Kunsill ifakkar li t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi li l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha timxi fuq il-prinċipji li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir proprji tagħha, u li tistinka li tippromwovi fil-bqija tad-dinja: id-demokrazija, l-istat ta' dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali.
3. Barra minn hekk, il-Kunsill ifakkar li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tipprobixxi kwalunkwe diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-tvemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali.
4. Bil-ħsieb li tiżdied l-effikaċja tal-UE fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni u tal-viżibbiltà u s-sensibilizzazzjoni dwar il-valuri u l-azzjoni tal-UE fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-azzjoni esterna tagħha, il-Kunsill approva l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni fl-Azzjoni Esterna.
5. Dawn il-Linji Gwida għan-Nondiskriminazzjoni jwettqu l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, jikkomplementaw u jsaħħu l-Linji Gwida l-oħra kollha tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u jappoġġaw l-Approċċ tal-UE għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, li jiġbor fih id-Drittijiet tal-Bniedem kollha.

6. Il-Linji Gwida għan-Nondiskriminazzjoni għandhom jixxerrdu b'mod wiesa' u għandha tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għalihom anke għal persuni b'diżabbiltà. L-operazzjonalizzazzjoni effettiva ta' dawn il-Linji Gwida għan-Nondiskriminazzjoni ser issir b'mod konġunt mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM) ser jappoġġa l-implimentazzjoni filwaqt li, meta jkun xieraq, jinvolvi gruppi ta' ħidma oħra tal-Kunsill. Ser ikun hemm skambji regolari ta' fehmiet dwar l-implimentazzjoni u r-rieżami ta' dawn il-Linji Gwida.
-